



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9039/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0136 (NLE)

MAMA 70
MED 19
EG 4

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej
u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda,
u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra¹ (il-‘Ftehim’) ġie ffirmat fil-25 ta’ Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2004.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni stabbilit minnu (“il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni UE-Eġittu”) għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-obiettivi tal-Ftehim u jista’ jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) Bil-ħsieb li tissaħħaħ aktar ir-relazzjoni solida u multidimensjonali bejn iż-żewġt’ isħab, ġew identifikati l-prijoritajiet tas-sħubija biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex jiggwidaw u jinformat is-sħubija bejn l-UE u l-Eġittu għall-perjodu 2021-2027("il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027").

¹ Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra (ĠU L 304; 30.09.2004, p. 34).

- (4) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu għandu jadotta rakkomandazzjoni dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027 matul id-disa' laqgħa tiegħu.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu, peress li r-rakkomandazzjoni li tikkonċerna l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027 ser ikollha effetti legali fuq l-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni mehmuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul id-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2022
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-Eġittu**

ta'...

dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-EĠITTU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-part l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mill-parti l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.
- (2) L-Artikolu 76 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim u li jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) Skont l-Artikolu 86 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u biex jaraw li jinkisbu l-oġettivi stipulati fil-Ftehim.

- (4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ipproponiet fażi ġdida ta' involviment mas-sħab, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.
- (5) L-Unjoni Ewropew u l-Eġittu qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jaqblu dwar sett ta' prijoritajiet għall-perjodu 2021-2027 ("il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027") bl-għan li jindirizzaw sfidi komuni li jaffaċċaw l-Unjoni u l-Eġittu u li jippromwovu interessi konġunti.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq it-test tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027, li ser jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni fir-rigward tal-interessi kondiviżi identifikati b'mod komuni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet ta' l-Ftehim jimplimentaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027 kif stipulati fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni⁺.

Artikolu 2

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027 jissostitwixxu l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu li l-implimentazzjoni tagħhom kienet irrakkomandata permezz tar-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni¹.

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 8663/2002 ADD1.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-25 ta' Lulju 2017 dwar qbil dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu (ĠU L 255, 3.10.2017, p. 26).

Artikolu 3

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ..

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

UE-Eġittu

Il-President
